# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Docembru, 2001.**

**Kawza Numru:**

**Citaz. Nru. 1773/98X1GV**

Doc. 172-01

**L-Onorevoli Alfred sive Freddie Portelli**

**-vs-**

**1) Avukat Dottor Roger de Giorgio Editur ta' Net Television, u**
**2) Pierre Portelli bhala persuna responsabbli tal-Iscript**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenuti fil-programm tal-ahbarijiet tal-31 t'Awissu, 1998, xandru '*inter alia*' ahbar li kienet testwalment tghid :- 'Intant il-gimgha li ghaddiet Net News Television zvela li l-benefattur tal-Kampanja Elettorali tal-Ministru Freddie Portelli ma hu hadd hlief il-Lay Lay';

Billi b'din l-ahbar il-konvenuti fil-kwalita' taghhom taw malafama lill-istanti billi attribwewlu fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;

Billi din l-allegazzjoni ma hijiex veritiera u kienet intiza biex taghmel hsara lill-istanti partikolarment waqt kampanja elettorali;

Billi konsegwentement l-istanti bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fil-ligi;

L-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti biex:

1 tiddikjara illi l-istess konvenuti taw malafama lill-istanti bl-ahbar surreferita bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;

2 konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-attur is-somma li tigi determinata bhala danni u riparazzjoni tal-ingurji morali u malafama li huwa sofra bl-ahbar fuq imsemmija.

Bl-ispejjes u bl-interessi legali kontra l-konvenuti.

Nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti li jeccepixxu bir-rispett:

1 Illi l-konvenut Portelli 'bhala l-persuna responsabbli ghall-iscript' mhux azzjonabbli taht il-Ligi Dwar li Stampa (Kap. 248).

2 wara li ssir il-prova tal-kliem imxandra mill-attur, dawn iridu jittiehdu fil-kuntest shih tax-xandira kompleta.

3 Fil-meritu, illi l-kliem imxandra jammonta ghall-*fair comment* ibbazat fuq fatti sostanzjalment korretti dwar soggett ta' interess pubbliku li hu permissibbli mill-Ligi u ghalhekk mhux libelluza.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 9;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saru ebda noti;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti: tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti taw malafama lill-istanti bl-ahbar imxandra fil-31 ta' Awissu, 1998 bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni ta' l-attur; tikkundanna lill istess konvenuti jhallsu lill-attur is-somma li tigi determinata bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li hu sofra bl-ahbar imsemmija.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew**:** illi l-konvenut Portelli "bhala l-persuna responsabbili ghall-iscript" mhux azzjonabbli taht il-ligi dwar l-istampa. Kap 248.

Wara li ssir il-prova tal-kliem imxandra mill-attur, dawn iridu jittiehdu fil-kuntest shih tax-xandira kompleta;

Fil-mertu il-kliem imxandar jammonta ghall-*fair comment* bbazat fuq fatti sostanzjalment korretti dwar soggett ta' interess pubbliku li hu permessibbli mill-ligi u ghalhekk mhux libelluza.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur, li kien Ministru ghall-Housing fil-Gvern Laburista ta' bejn il-1996 u 1998, oggezzjona ghal ahbar li kienet ixxandret fi-31 ta' Awissu 1998 fuq in-Net Television fejn il-konvenut Pierre Portelli qal "Intant il-gimgha li ghaddiet Net News Television zvela li l-benefattur tal-Kampanja Elettorali tal-Ministru Freddie Portelli mhu hadd hlief il-Lay Lay" u dana billi din l-ahbar hija qarrieqa u intiza biex taghmel hsara lilu. Din l-ahbar giet ripetuta f'bosta okkazzjonijiet ohra fuq l-istess stazzjon (ara *tapes* ezibiti a fol. 33).

L-attur spjega kif il-Gvern ta' dik il-gurnata kien hass il-htiega li jixtri direttament minghand il-privat permezz ta' l-awtorita' tad-Djar postijiet ai fini ta' residenza u kienet saret skema ghal dan il-ghan u kull applikazzjoni li saret kienet giet ezaminata u processata minn diversi entitajiet. Fost l-applikazzjonijiet kien hemm dik tal Lay Lay li giet skrutinata bhal ohrajn u eventwalment giet accettata mill-Awtorita' tad-Djar. Hu ma kienx involut fl-ipprocessar tal-applikazzjonijiet.

L-attur zied ighid li fl-eqqel tal-kampanja elettorali tal-1998 il-Partit Nazzjonalista kien ghamel kampanja feroci kontra tieghu fir-rigward tal-konvenju mad-ditta Lay Lay u ohrajn. In-Net TV kien hamgu billi xandar li l-Lay Lay kien il-benefattur tal-kampanja elettorali tieghu mentri fil-fatt dan ma kienx hekk.

Michael Micallef, li kien l-assistent personali ta' l-attur meta kien Ministru, Ikkonferma li hadd, kompriz il-Ministru, ma kien involut fl-ipprocessar tal-ftehim bejn l-Awtorita' tad-Djar u sidien li offrew il-postijiet lill Awtorita'.

Michael Axisa, li deher ghad-ditta Lay Lay, xehed li hu qatt ma kien iltaqa' personali ma' l-attur meta kien Ministru. Kien kellmu dak inhar tal-konvenju meta kien l-ufficju fid-dipartiment fejn ghamlu l-konvenju. Jidhirlu li kien hemm okkazzjoni ohra fejn kellem lilu jew lill Stefan Buontempo. Hu cahad li kien ghen lill-attur fil-kampanja elettorali tieghu.

Ic-Chairman ta' l-Awtorita' tad-Djar ta' dak iz-zmien Victor Galea ikkonferma li l-attur ma kien indahlilhom bl-ebda mod u l-Bord kien izomm lill Ministru infurmat b'dak li qed isir. L-attur kien jistaqsihom kultant x'qieghed isir f'sens generali, imma qatt ma kien ikun prezenti fizikament. In-negozjati saru kollha tramite l-Awtorita'.

Victor Sciberras Grioli, dak iz-zmien Chief Executive tal-Awtorita' tad-Djar, ukoll ikkonferma li l-applikazzjoni tal Lay Lay giet trattata minn nies teknici ta' l-Awtorita', giet ezaminata minn Bord u fl-ahhar gie ffirmat konvenju wara li dan kien sar minn Nutar tal-Gvern u kienu hadu l-parir tal-Avukat Generali. Lil Ministru kienu jinfurmawh b'dak li qed isir.

Il-konvenuti qed jeccepixxu fil-mertu li l-kliem imxandar jammonta ghall-*fair comment* bbazat fuq fatti sostanzjalment korretti dwar soggett ta' interess pubbliku li hu permessibbili mill-ligi u ghalhekk mhux libelluza.

Illi l-fatt li l-attur qed joggezzjona ghalih huwa li gie allegat li l-Lay Lay kien il-benefattur tal-Kampanja Elettorali ta' l-attur.

Apparti li l-konvenuti ma gabu ebda prova dwar dan ghax lanqas xehdu, jirrizulta mill-provi fuq prodotti li minn imkien ma jirrizulta li l-Lay Lay kien il-benefattur tal-kampanija elettorali ta' l-attur. M'hemm ebda prova li l-Lay Lay ghadda xi flus lill Ministru jew lill persuni li kienu qed jghinu l-Ministru fil-kampanija elettorali. Il-provi juru li kienet saret applikazzjoni bhal xi 80 ohra lill Awtorita' u sar l-ipprocessar ta' l-applikazzjonijiet mill-Awtorita' u minn nies teknici u legali taghha. Ma hemm ebda prova ta' xi rregolarita' da parti ta' l-attur.

Ghalhekk ma jistax jinghad li l-fatti, fir-rigward ta' l-attur, huma vera, lanqas sostanzjalment.

L-ahbar hija libelluza billi kien hemm alleggazzjonijiet dwar din il-kumpanija Lay Lay fil-passat li jekk jigu mqeghda ma' l-isem tal-Ministru jew l-kampanija elettoralli tieghu ma kienitx ser taghmillu unur, anzi kienet tkun skond il-konvenuti skandlu u li jhammru l-wicc ta' l-attur. Dan kien l-iskop ta' l-ahbar wara kollox, li ssir hsara lill Ministru.

Il-kliem li l-attur oggezzjona ghalihom anke fil-kuntest shih tax-xandira kollha huwa libelluz. Anzi l-kliem hu aktar libelluz ghax lil attur iqeghduh f'kobba ta' intricci u skandli kif jirrizulta mill-*videos* ezibiti.

Kwantu ghall-eccezzjoni ta' Pierre Portelli li hu "bhala l-persuna responsabbili ghall-iscript" mhux azzjonabbili taht il-ligi dwar l-istampa, il-Qorti tirrileva li l-artikolu 23 tal-Kap 248 jitkellem ukoll dwar l-awtur tal-kitba, bhal ma kien il-konvenut Portelli, li taghmlu responsabbli wkoll.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddecidi billi tilqa' it-talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm600 (sitt mitt lira Maltin) bhala danni ghall-malafama bl-applikazzjoni tal-Art 28 tal-Ligi dwar l-istampa Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**